# Il-Ħadd 17.11.2019

1. Il-Ħamis 21/11:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Immorru s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, fejn ikollna Quddiesa, u wara Buffet Breakfast f'lukanda l-Mellieħa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Mis-6:30pm sad-9:00pm - Fiċ-Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni (ĊAK), B'Kara, tiftaħ l-Assemblea Djoċesana li fiha ser tingħata ħarsa lejn il-Pjan Pastorali tal-Arċidjoċesi għas-snin li ġejjin.

2. Il-Ġimgħa 22/11:-
   - Fis-6:30pm sad-9:00pm - Tkompli l-Assemblea Djoċesana.

3. Il-Ħadd 24/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fil-5:00pm - Korteo immexxi mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
     minn fejn il-monument ta' Kristu Re, il-Furjana,
     li jimxi lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,
     fejn tingħad it-Talba tal-Għasar.

4. Avviżi oħra:-
   - Ser jintlaqgħu applikazzjonijiet għad-Dħul ta' Tfal fl-Iskejjel tal-Knisja f'Settembru 2020, mingħand dawk li għandhom ħuthom diġà jattendu fi skola tal-Knisja, dawk li huma mpjegati fi skola tal-Knisja, u dawk li qegħdin fi skola primarja tal-Knisja li ma għandhiex sekondarja marbuta magħha, eċċ. Applikanti oħra, minn skejjel tal-Gvern u indipendenti, jkunu jistgħu japplikaw aktar 'il quddiem: f'Jannar u Frar. Informazzjoni oħra tinkiseb mill-istess Skejjel tal-Knisja u minn fuq il-website tal-Kurja: www.church.mt *(https://church.mt/archdiocese/church-schools/ )*.
   - Infakkar li l-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2020. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Nerġa' infakkar biex jekk hawn xi żgħażagħ li għadhom kif ggradwaw mill-Università, mill-MCAST, mill-ITS, jew minn xi entità edukattiva oħra, mitluba javviċinaw lill-Kappillan minħabba li qed tiġi maħsuba attività għalihom.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 254 mil-lotterija tal-hamper;
   - € 338 mill-*Bake & Cake Sale*;
   - € 266 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr;
   - € 75 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni taċ-Ċimiterju. Grazzi.